# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Mejju 2002

## Avviz numru : 40/2002GT(GM)

**John Paul Falzon**

**vs**

**Raymond Sant ghan-nom u in rappresentanza tal-Kumpanija Lifts Ltd u b'digriet tad-19 ta' April 2002, quddiem "Lifts Ltd" jizdiedu l-kelmiet "S.S."**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Peress illi l-attur esegwixxa xoghol ta' rewinding ta' diversi transformers lis-socjeta' konvenuta u ta' dan ix-xoghol ghandu jiehu s-somma ta' mija u sitta u ghoxrin lira (Lm126), kif jidher mill-invoice tal-kont hawn anness u markat Dokument 'A' u 'B'.**

**Peress illi l-istess socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi, baqghet inadempjenti ghalkemm dejjem ippromettiet il-hlas.**

**Tghid l-istess socjeta' konvenuta ghaliex m'ghandiex**

1. **tigi kkundannata thallas is-somma ta' mija u sitta u ghoxrin lira (Lm126) kif intqal hawn fuq.**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni. Bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data meta tlesta x-xoghol sal-hlas effettiv."**

**Ra r-risposta:**

1. **Fl-ewwel lok Raymond Sant ma ghandu x'jaqsam ma' l-ebda kumpanija li jisimha 'Lifts Ltd'. Il-kumpanija li fiha Raymond Sant ghandu nteress jisimha mod iehor.**

2. **Fit-tieni lok ix-xoghol ta' rewinding ta' transformers msemmija ma sarx sew u kellu jerga isir mill-gdid. Ghalhekk**

**l-attur ma jistax jippretendi li jithallas ghal xoghol esegwit hazin.**

3. **Fit-tielet lok id-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokumenti esibiti;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' mija u sitta u ghoxrin lira (Lm126) bl-imghax legali mid-data meta tlesta x-xoghol sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**